# LEHEN IL-PARROCCA TA' SAN ĠILJAN

DICEMBRU 1969 Nru 31

*Il-Kappillan u l-Kleru kollu tal-Parroċċa jixtiequ jwasslu permezz ta' dan il-foljett l-isbaħ xewqat tagħhom għall-Milied u s-Sena l-ġdida lill-paruċċani kollha ta' San Ġiljan.*

## PROGRAMM TAL-FESTI TAL-MILIED

**It-Tnejn 15 ta' Dicembru:** Tibda n-Novena tal-Milied li bħas-snin l-oħra tkun għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-knisja l-ġdida tagħna. Fis-6.00 p.m. Rużarju u Barka, fis-6.30 p.m. quddiesa li fiha jkantaw il-Pueri Cantores tal-parroċċa tagħna.

**20 Dicembru:** Fil-5.30 p.m. Tberik mill-E.T. Mons. E. Gerada, Isqof Koadjutur, u mixgħela mill-Onorevoli Censu Tabone, ta' Christmas Tree, Presepju u dekorazzjonijiet oħra ħdejn il-knisja l-qadima f'Lapsi Street. Isir diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur L. E. Galea u kant mill-Pueri Cantores ta' San Ġiljan.

**23 ta' Dicembru:** 7.30 p.m. programm fil-knisja ta' siltiet mill-Letteratura Maltija dwar il-Milied mill-Moviment Qawmien Letterarju, u kant ta' għanjiet tal-Milied mis-St. Julian's Choir taħt id-direzzjoni ta' Mr. Joe Tabone Adami.

**L-Erbgħa, 24 ta' Diċembru, lejliet il-Milied :** 11.00 p.m. : Velja Biblika fuq il-misteru tat-twelid ta' Ġesu' Bambin li tispiċċa bil-priedka tat-tifel. Il-predikatur ikun Michael Aquilina. 12.00 Konċelebrazzjoni Solenni.

**N.B.** Illum ma jkollniex quddies fil-għaxija. Ħinijiet tal-qrar mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m. Tħallux il-qrar għal qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl.

**30 ta' Diċembru :** Jibdew il-Kwaranturi. Fil-għodu wara l-quddiesa tas-7.00 a.m. nesponu lil Ġesu' Sagramentat. 5.30. Ċelebrazzjoni Ewkaristika u priedka tal-Kwaranturi. Quddiesa.

**31 ta' Diċembru :** Ġurnata espożizzjoni. 6.00 Ċelebrazzjoni Ewkaristika, quddiesa u priedka ta' l-aħħar tas-sena mill-kappillan. Rendikont, Te Deum u Barka Sagramentali.

**1 ta' Jannar :** Ġurnata espożizzjoni. 5.30 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika, priedka, u għeluq tal-Kwaranturi b'purċissjoni madwar il-knisja.

**Dberik u inawgurazzjoni ta' sett qniepen tal-knisja l-gdida**

Fis 6.15 p.m.: Jasal l-E.T. Mons. Arċisqof u fis-6.30 jiċċelebra quddiesa. Wara l-quddiesa diskors ta' l-okkażjoni mill-kappillan u mbagħad tberik tas-sett mill-E.T. Mons. Arċisqof.

Il-Kappillan jirringrazzja lil dawk il benefatturi kollha li kkontribwaw għall-qniepen.